**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2025**

Rikors Numru: 198/2025 AL

A B

u

CB

(M.R. Numru 2274/2010 )

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fl-20 ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra 2010 ġewwa San Pawl il-Bahar, (ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 2040/2010 hawn anness u mmarkat bħala **'Dok A'**);

2. illi minn dan iż-żwieg, il-partijiet kellhom iben, DB, imwieled fil- wiehed u ghoxrin (21) ta' April 2014;

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi datat nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u għalhekk is-separazzjoni tagħhom giet regolata b'dan il-kuntratt (kopja hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok B'**);

4. Illi jirrizulta minn klawżola numru (iii) fl-istess kuntratt, il-partijiet kienu ilhom separati *de facto* mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn, u sittax (2016);

5. Illi peress li D, il-wild tagħhom, għadu minorenni, għad hemm l-obbligi relatati mal-kura u l-kustodja kif regolat fil-kuntratt ta' separazzjoni;

6. Illi l-partijiet, permezz ta' dan l-istess kuntratt ta' separazzjoni, irrinunzjaw definittivament u reċiprokament mid-dritt rispettiv tagħhom li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin;

7. Illi il-kura u l-kustodja tal-minuri hi konġunta skont il-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;

8. Illi ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

9. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

**Għaldaqstant**, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Prevja kull proċedura ulterjuri rikjesta skond il-Liġi, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, liema żwieġ seħħ fl-20 ta' Novembru 2010;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta’ Mejju, 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta’ Dicembru 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.